# Il-Qassisin li Niftakar Jien

*Kitba ta' Dun Anġ. Seychell*

**Dun Spir**

1. L-ewwel qassis fiż-Żejtun li niftakar niftakru mejjet fid-dar tiegħu. Kien Dun Spir Grixti, il-fundatur meqjum tad-Domus taż-Żejtun. Is-seftura tiegħu kienet iz-zija tiegħi Karmena, iz-zija Karm, oħt missieri.

Meta ħarġet l-aħbar tal-mewt tiegħu fl-1937, kelli 4 snin u jiena mort id-dar tiegħu nfittex liz-zija u rajtu mejjet f'waħda mill-kmamar tad-dar tiegħu fi Triq San Ġużepp.

Dakinhar iz-zija Karm qabdet artal żgħir li bih jilagħbu t-tfal u li kien għand Dun Spir u tatu lili. Tgħidx kemm fraħt u mort id-dar tagħna fi Triq Santu Wistin, fejn għadni ngħix sallum u għamiltu f'wesgħa żgħir f'nofs it-taraġ.

Dan l-artal kien ħelu ħafna. Kellu gandlieri tal-injam, kull wieħed b'musmar bla ras imdaħħal fil-qiegħ, biex jidħlu fl-injam tal-artal u jżommu dritt.

Tgħidx kemm snin domt nilgħab bih!

Meta kbirt u dħalt inħejji għas-saċerdozju fis-Seminarju z-zija Karm reġgħet ftakret fija u darba tatni l-volumi tal-ktieb famuż ta' San Tumas t-Akwino, is-Summa Theologica. Kienu kotba teżor u jien ħadt ħsieb nillegahom. Meta sirt qassis tkellimt dwarhom ma' Dun Ġużepp Desira li tani x'nifhem li dawk il-kotba bħala wirt imissu lid-Domus. Jiena minnufih weġibtu li lest ngħaddihomlu imma hu qalli biex inħallihom għandi imma jekk xi ħadd mid-Domus ikun irid jagħmel użu minnhom ikun jista' jiġi u jinqeda.

Għaddew is-snin, dan is-sett għadu għandi, imma ħadd qatt ma talabhuli. Lanqas jien – qatt ma naf li qallibtu!

**L-Arċipriet Paċifiku**


Dun Paċifiku Mifsud

2. Jiena trabbejt fiż-żmien meta l-Arċipriet taż-Żejtun kien Dun Paċifiku Mifsud, qassis mill-Mosta. Sar Arċipriet wara l-maħbub Dun Lawrenz Degabriele u dam diversi snin imexxi l-parroċċa taż-Żejtun, sa baqa' sejjer tul il-gwerra.



Kont għadni tfal fil-jiem tal-Gwerra. Niftakar episodju li baqa' frisk f'moħħi minn dak iż-żmien.

L-Arċipriet taż-Żejtun ma kellux dar parrokkjali fejn jgħix u l-Arċipriet Paċifiku kien joqgħod fid-dar kantuniera ma' Triq Santu Wistin u Triq San Girgor, fejn wara marru joqogħdu l-qraba tal-Isqof Galea. Fil-faqar tal-gwerra kienu jitqassmu l-ħwejjeġ u nkarigat minnhom kien l-Arċipriet. Dan irċieva kunsinna ta' ħwejjeġ u beda jħabbel rasu lil min se jtihom għax kienu ħafna nies li riduhom. X'għamel? Iddeċieda li jitla' fil-gallarija tad-dar tiegħu, qabad it-turrun tal-ħwejjeġ u waddabhom għal isfel fuq in-nies li kien qed jistennew jittalbuhom quddiem il-bieb. Naturalment il-ħwejjeġ waqgħu kif ġie ġie u min ħa ħafna u min ma ħa xejn!

U tgħidx kemm gergru għalih in-nies!

**Dun Anton**

3. Niftakar qassis b'ismu imma nsejt kunjomu. Kien jissejjaħ Dun Anton. Kien qassis intelliġenti imma tgħidx kemm kien sbozz fi kliemu. Xi ħadd kien qalli x'għamel darba meta kien qed jipprietka n-novena tal-Milied. Kien qed iqaddes l-Arċipriet Paċifiku. Dun Anton beda jtawwal fil-prietka u l-Arċipriet għamillu s-sinjal biex jieqaf. Imma dan baqa' sejjer. Reġa' għamillu s-sinjal u reġa' baqa' sejjer. Allura l-Arċipriet qabad u qam minn postu u ssokta bil-Quddiesa. Dun Anton meta ra hekk, qabad u qal lill-miġemgħa: "Għidu s-Salve Reġina għax l-Arċipriet għandu bżonn imur it-toilet"

Il-verzjoni li naf jien hi iżjed goffa imma ma naħlefx fuq l-awtentiċità tagħha!

**Oħrajn**

4. Fi tfuliti niftakar ukoll lil tliet qassisin oħra - Dun Ġom Seychell, l-uniku qassis li għandu kunjomu bħali. Dun Ġom qeda l-missjoni tiegħu fiż-Żejtun u f'Ħal Safi. Dun Kons ma nafx x'kien kunjomu imma naf li kien joqgħod flok fejn hemm il-Posta fir-rokna

tal-pjazza ta' quddiem il-knisja. Kien hu u qrabatu li ħallew il-post fejn Dun Salv Galea bena ċ-ċentru taż-żgħażagħ li llum jinsab f'idejn il-parroċċa. U niftakar f'Dun Map jew Amabile, li kien joqgħod fid-dar ta' Sqaq ir-Rebħa, fejn mar joqgħod floku Dun Karm Galea. Meta miet jien kont għadni s-seminarju u smajthom jgħidu li huma u deħlin bih għall-quddiesa tal-funeral bil-għatu tat-tebut mikxuf, il-katavru iċċaqalqilhom u n-nies bdew jgħidu li qam!

Ma' dawn niftakar qassis li konna ngħidulu d-Dekan. Kien joqgħod fi Triq San Girgor u kien iħobb iqaddes fl-artal tal-Kurċifiss.

U niftakar ċertu kanonku ta' Bormla, rifuġjat fiż-Żejtun, kunjomu Camilleri u qarib tal-Primiċerju Dun Ġwann Vella. Kien iqaddes regolarment fil-knisja ta' San Klement.

**IL-Kanonku**

5. Post prominenti jistħoqqlu l-Kanonku De Domeniko. Fit-triq imsemmija għalih hemm miktub li kien predikatur imma għalija l-Kanonku huwa għażiż għax kien iħobb il-fqar bis-serjetà. Sa wasal biex daħħal familja ġo daru, Triq il-Qalb ta' Ġesù u mantniha hu! Kellu ommu ta' nisel Russu. Meta konna mmorru nkantaw l-għasar flimkien nhar ta' Ħadd ġieli nzertajtu jikkummenta silta mis-salm u jindirizzaha lil Stalin: "Din għalik tgħodd, Stalin!"

Kien jaħrat Malta kollha bil-mixi. Kulfejn tarah kont tilmħu għaddej bil-mixi!

**Il-Primiċerju**

6. Warajh imiss lil Dun Ġwann Vella, ex-patri tas-Soċjetà ta' San Pawl u kanonku primiċerju tal-Kolleġġjata ta' Bormla. Kien jieħu ħsieb il-knisja tal-Ħniena. Kien qassis li wera interess kbir fil-kwistjonijiet soċjali u anke ippubblika xi ktejjeb dwar hekk. Meta kien imissni nqaddes tal-Ħniena kont nieħu pjaċir għax wara ngħaddi għandu u ħallih jirrakonta xi storja li biha jaqsmek bid-daħk! Baqa' magħruf bħala dak li żewweġ lil Mintoff fil-knisja tiegħu!

**Mons. Grima**

7. Post għalih jixraq lil Monsinjur Dun Salv Grima, magħruf bħala Dun Salv "tal-Qutu", eks-ħaddiem it-Tarzna, professor tal-filosofija fl-Università, fundatur tad-Dar tal-Kleru, direttur spiritwali tas-superjura famuża Ċetta tal-museum, li saret bħallikieku d-direttriċi spiritwali tiegħu. Għalija kien ukoll il-konfessur u d-direttur spiritwali li tgħidx kemm għamilli kuraġġ tul is-snin tas-saċerdozju tiegħi. Kien Dun Salv li daħħal l-adorazzjoni ta' kuljum fil-knisja tal-Ispirtu s-Santu.

**Fil-qosor fuq ħafna**

L-ispazju ma jippermettilix ħlief riferenza għall-qassisin li għadni ma semmejtx:-

- Dun Ġwann Palmier, għal ħafna snin prokuratur tal-parroċċa li ħalla warajh ħafna opri artistiċi:
- Dun Ġużepp Zerafa jew l-Għawdxi, għal ħafna snin viċi-parroku tal-parroċċa tagħna;
- Dun Ġwann Farrugia, "Ta' Ġelandrin", qassis arkeologu, li kien jippubblika is-sejbiet tiegħu fil-gazzetta SUNDAY TIMES. Kont għadni s-seminarju meta ħadt sehem fil-vjatku tiegħu;
- Dun Manwel Camilleri, qassis eżemplari, dejjem bi tbissima fuq fommu u direttur tad-Domus;
- L-Arċipriet Brincat, magħruf għad-dawra li kien għamel tul l-Isla mar-Re Ġorġ VI. Wara sar Arċipriet taż-Żejtun u tgħidx kemm saqqa l-vokazzjonijiet saċerdotali fostna;
- L-Arċipriet Dun Mikiel Spiteri li nibqa' niftakru bħala dak li fi żmienu sirt qassis fl-1956;
- Dun Franġisk Galea, ħu l-Isqof Galea, li tgħidx kemm kien jgħaddi sigħat kuljum iqarar fl-artal tal-Qalb ta' Ġesù;
- Dun Karm Galea, qassis li fi żmienu kien popolari ħafna u li jien dħalt warajh bħala rettur tal-knisja tas-Salvatur;
- Imbagħad hemm dawk ta' żmienna li ħafna jiftakru: l-Arċipriet Dun Pant. Orland, l-Arċipriet Dun Ġużepp Theuma u Dun Ġużepp Desira, Dun Salv Mallia, Dun Salv Galea u Dun Alwiġ Zammit!


Mons Pantalleone Orland